# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 55

Kaz Nru. 61

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mr Eugenio Cremona
u
Messrs Interprint Ltd.

Data : 16 t'Ottubru,1979.

Chairman : C.J. Mallia.

Mr. Eugenio Cremona kien qabad jahdem mad-ditta Interprint Ltd. fis-16 ta'Awwissu, 1976, bhala "Variable". Huwa tkecca mit-23 ta' Marzu, 1979, u peress li hass li dik it-tkeccija kienet ingusta, huwa fid-19 ta' Gunju, 1979, kiteb lill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali biex il-kaz tieghu jmur quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Ministru irreferit il-kaz lil dan it-Tribunal fit-2 ta' Lulju, 1979, skond l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

2. Il-partijiet. Skond il-ligi (artikolu 31 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976), billi is-Sur Eugenio Cremona ma kienx membru ta' dik it-trade union maghrufa mill-principal bhala li tirraprezenta l-klassi ta' haddiema impjegati tieghu li minna l-haddiem imkecci huwa wiehed, l-istess Sur Cremona kellu jipprezenta l-kaz tieghu huwa innifsu. Id-ditta Interprint Ltd. kienet rapprezentata mis-Sur Salvu Apap, Production Manager taghha, debitament nominat ghal dan l-iskop mill-Action Committee tad-ditta. Is-Sur Apap kien assistit mis-Sur F.E. Amato Gauci, M.B.E., B.Sc., Management Consultant.

/2. .....

3. <u>Smigh u xhieda</u>. Inzammu tlett seduti biex instemgha l-kaz. Ix-xhieda li nstemghu kienu dawn:

<u>Migjuba mill-applikant</u>

Mr. Mario Mangion - Machine Operator, Interprint.
Mr. Joe Scerri, Machine Operator, Interprint, kif ukoll rapprezentant tal-haddiema fuq l-Action Committee ta' l-Interprint dawn l-ahhar sentejn.

<u>Migjuba mill-employer</u> (kollha mpjegati ma' Interprint).

Mr. Mario Agius, Machine Operator.
Mr. Francis Desira, Assistant Machine Operator.
Mr. George Farrugia, Binding Supervisor.
Mr. Albert Micallef, Technician/Engineer.
Mr. Charles Mallia, Senior Supervisor.
Mr. Anthony Poulton, Binding Executive ghal 13 il-sena, sa l-14/4/79.
Mr. Salvu Apap, Production Manager.

<u>Migjub mit-Tribunal</u>

Police Constable No. 1267 Carmel Grech.

4. <u>Il-kaz</u>. F'dan il-kaz hargu zewg versjonijiet ta' l-hekk imsejjah incident li wassal ghat-tkeccija, zewg versjonijiet li ma jaqblux, wahda skond l-employer u l-ohra skond l-impjegat imkecci. Hawn it-Tribunal irid jemfasizza li quddiemu jghoddu biss dawk il-fatti li jigu ppruvati u/jew korroborati. Mhux bizzejjed li certi affarijiet jintqalu, jekk taghhom ma tingieb ebda prova. Iz-zewg versjonijiet, fil-qosor, huma dawn (ghal konvenjenza nghidu l-ewwel dik ta' l-employer):

/3. .....

Il-kaz skond l-Interprint.

Fil-lejl tal-21/22 ta' Marzu, 1979, Mr. Eugenio Cremona kien Assistant Operator f'team ta' tlieta fuq folding machine, ghan-night shift li kien mid-9.30p.m. sa l-ghada fis-6.00 a.m. Ghal habta tal-11.30 p.m. tal-21 ta' Marzu, huwa telaq mix-xoghol fuq il-makna u gie lura fil-5a.m. ta' l-ghada. Fuq dan, billi Mr. Cremona kellhu precedenti dixxiplinarji, wara l-proceduri skond ir-regoli tad-ditta, huwa gie mkecci. It-tkeccija giet konfermata wara appell li sar lis-Central Office tal-Ministeru li jaghmel mill-industriji parastatali u tal-poplu.

Il-kaz skond Mr. Eugenio Cremona.

Mr. Cremona qal li dak il-lejl tal-21/22 ta' Marzu, 1979, ix-xoghol li kellhu jsir mit-team ta' tlieta li kien fih hu, fuq il-folding machine, kien ftit (hu qal li dan kien jiddependi minn x'ikunu hallewlhom id-day shifts). Ghalhekk dak ix-xoghol tlesta malajr, f'inqas minn tlett sighat, u kemm huwa u kemm it-tnejn l-ohra fit-team imbaghad warrbu minn fuq il-makna. Huwa donnhu ried jghid li huwa gie "framed" (akkuzat falz), u shabu ma setghux hlief jixhdu kontra tieghu ghax inkella jinkixfu li skartaw huma wkoll. Billi huwa qal li x-xoghol kien tlesta, huwa sostna li t-twarrib tieghu u ta' shabu ma kienx nuqqas.

5. Il-provi. Kif ga qal it-Tribunal, huwa, li ma jkunx jaf il-fatti qabel il-kaz jigi quddiemu, jista' joqghod biss fuq dak li jigi ppruvat. Id-ditta giebet ix-xhieda ta' Mr. Mario Agius u Mr. Francis Desira li kkonfermaw bil-gurament li Mr. Cremona kien nieqes minn fuq il-makna ghal dak il-hin f'dik id-data. Del resto l-istess applikant ma cahadx li hu tassew naqas hekk, imma qal

(i) li x-xoghol li kellu jsir mit-team kien tlesta, u

(ii) li t-tnejn l-ohra shabu warrbu wkoll.

Ta' dan, ghad li t-Tribunal staqsih aktar minn darba, huwa ma pproduca ebda prova.

Ghalhekk,

(a) gie ppruvat li hu naqas ghal dak il-hin, u

(b) ma giex ippruvat li x-xoghol kien tlesta u li t-tnejn l-ohra warrbu wkoll; anzi

(c) Mr. Mario Agius u Mr. Francis Desira xehdu bil-gurament li huma t-tnejn wehidhom komplew jahdmu minghajr mistrieh biex lestew ix-xoghol (ara x-xhieda ta' l-14 ta' Settembru, 1979).

6. <u>Izjed dwar difiza ta' l-applikant</u>. Mela favur l-applikant baqa' li wiehed jara dan li gej:

(1) L-effett ta' nuqqasijiet ta' qabel.

(2) Dan l-incident tal-21/22 ta' Marzu, 1979, kienx gravi u bizzejjed li jgib tkeccija.

(3) Kienx hemm twissijiet xierqa u bizzejjed.

Dawn it-tlett punti l-ahjar li jittiehdu wara xulxin, kull wiehed ghalih.

7. <u>Nuqqasijiet ta' qabel</u>. Huwa veru li, kif issottometta l-istess appellant, huwa kien ga hallas ghal dak li ghamel fl-imghoddi. Izda, f'nuqqas dixxiplinarju, huwa ovvju, kif ukoll huwa specifikatament provdut fir-regoli dixxiplinarji ta' din id-ditta (ara l-paragrafu 18 taghhom), illi nuqqasijiet imghoddija ghandhom ukoll effett futur jekk ikun hemm nuqqas iehor. Dan l-istess Tribunal diga osserva f'zewg kazi ohra (Nri. 42 u 44), wiehed minnhom (Nru. 44) ma din id-ditta Interprint stess, illi l-ispirtu ta' dan it-thassir ta' rapport dwar kondotta wara sena zgur ma kienx biex wiehed jerga' jibda jabbuza, imma biex min kien nidem minn nuqqas ikun jista' jerga' jkollu clean sheet. Ma hemmx analogija bejn dixxiplina f'impieg u l-kondotta penali f'kazi tal-Pulizija Gudizzjarja. Fil-kaz li ghandna quddiemna hemm regolamenti dixxiplinarji 'ad hoc' li jipprovdu li jittiehed kont ta' mgieba mghoddija. Ghalhekk l-employer kien 'in order' li jissottometti li qabel l-incident tal-21/22 ta' Marzu, 1979, dan l-istess impjegat kellu numru ta' incidenti ohra.

8. <u>Gravita' ta' l-incident ta' l-ahhar</u>. Fis-sottomissjonijiet finali taghha tat-2 ta' Ottubru, 1979, Interprint Ltd. qalet "li n-natura ta' l-incident tal-21/22 ta' Marzu, 1979, kienet gravi bizzejjed fiha nnifisha biex tikkostitwixxi kawza valida ghal tkeccija." It-Tribunal aktarx ixaqleb biex jaqbel ma din l-opinjoni, hlief li, billi kif inhu maghruf l-impieg huwa haga serja u sagra, wiehed irid jizen il-fatti bir-reqqa u aktar minn darba, u jara hemmx xi triq, jew kastig iehor li jistghu jirregolaw dan,in-nuqqas. Izda, meta wiehed jiehu kont

(a) tal-precedenti dixxiplinarji li kellu dan l-impjegat u ta' theddid li huwa ghamel, kif gie rrapurtat lil Pulizija (ghad li mix-xhieda ta' P.C. No. 1267 G. Grech ma harigx li l-Pulizija tassew wissiet lil Mr. Cremona)

u

(b) tas-sottomissjonijiet tad-ditta dwar l-ezempju lill-haddiema l-ohra, id-dover li hi tassigura l-ghejxien ta' l-impjegati l-ohra, u d-doveri taghha biex tassigura t-tmexxija tajba ta' din l-impriza li hija tmenin fil-mija tal-Gvern u li d-diffikoltajiet recenti taghha jafhom kulhadd,

wiehed ma jistghax ma jigix ghall-konkluzjoni li l-incident gravi tal-21/22 ta' Marzu, 1979, kien gravi bizzejjed li jiggustifika tkeccija.

9. <u>Dwar twissijiet</u>. Dan it-Tribunal isostni li, anke fejn ma hemmx regolamenti maghrufa ta' dixxiplina, irid ikun hemm twissijiet (warnings) xierqa u bizzejjed qabel ma tista' ssir tkeccija, anke fuq incident serju (hlief f' xi kaz ta' incident serju u gravi hafna, jekk it-Tribunal jaqbel li dan kien hekk). L-istess proceduri dixxiplinarji, fejn ikunu stabbiliti u maghrufa bhal f'dan il-kaz tad-ditta Interprint Ltd., huma twissijiet fihom infushom, ghaliex ikun x'ikun l-ezitu, rapport dixxiplinarju ghandhu dejjem iwissi lil dak ikkoncernat biex ma jergax. Fil-kaz prezenti, il-kumpannija ssottomettiet illi Mr. Cremona kien gie ammonit bil-miktub tlett darbiet (kopji ta' dawn l-ammonimenti miktuba gew esibiti), kif ukoll diversi drabi bil-fomm (dan xehdu wkoll bil-gurament Mr. George Farrugia, Binding Supervisor). Mela f'dan il-kaz it-Tribunal isib li twissijiet kif mehtiega kienu inghataw. Wahda mit-twissijiet, dik tat-8 ta' Awissu, 1977 (miktuba), kienet meqjusa mid-ditta bhala final warning, u l-kliem uzat tabilhaqq juri hekk. Il-kliem kien ifisser "Jekk terga ikollna nkeccuk."

/7. .....

10. "L-ammont ta' xoghol". Fis-sottomissjonijiet finali tieghu bil-miktub, fit-2 ta' Ottubru, 1979, Mr. Cremona qal li "jekk it-Tribunal irid jara u jizen il-verita' ta' l-ammont ta' xoghol ghal dak inhar, dan jista' jaghmlu facilment." Kien dover tat-Tribunal li jara kemm kien hemm xoghol xi jsir dak il-lejl, ghax dal-pont kien fatt importanti fl-akkuza u l-partijiet ma qablux dwarhu. Kien ghalhekk li t-Tribunal staqsa lill-applikant aktar minn darba jekk kellux xi provi dwar l-ammont ta' xoghol li kellu jsir. Mr. Cremona wiegeb li ma kellux provi, u ghalhekk it-Tribunal kellu quddiemu biss is-sottomissjonijiet tad-ditta u x-xhieda bil-gurament ta' Mr. Mario Agius u Mr. Francis Desira, li kienu it-tnejn l-ohra fit-team ta' tlieta ma' Mr. Desira fuq il-folding machine dak il-lejl. Id-ditta u x-xhieda kollha qalu kontra dak li qal l-applikant. It-Tribunal ma jarax kif setgha b'mod iehor jara l-ammont ta' xoghol "facilment."

11. AWARD. Fid-dawl ta' dak kollhu li intqal hawn fuq, u ta' l-artikolu 32 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 li jorbot it-Tribunal li jqis il-htigiet tal-politika ekonomika tal-Gvern, it-Tribunal ma jsibx li Mr. Eugenio Cremona rnexxielhu juri bil-provi li t-tkeccija tieghu kienet ingusta, u ghalhekk jillibera lid-ditta Interprint Ltd. minn kull obbligu dwar dan l-ex-impjegat taghha.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

16 ta' Ottubru, 1979.

em